Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 59/09/1AE

**Anthony Aquilina, Martin Aquilina, Mario Aquilina, u Rita Chetcuti**

**Vs**

**Doreen Mizzi**

L-Erbgha, 25 ta' Novembru 2015.

Ir-rikorrenti, illum appellanti, ipproponiet kawza fejn talbet ir-ritrattazzjoni tal-kawza *Anthony Aquilina et vs Doreen Mizzi* (Rikors 59/2009) deciza mill-Bord Li Jirregola l-Kera fit-23 ta' Novembru 2011, u dan *ai termini* tal-Artikolu 42 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69). Ir-rikorrenti ssostni li ghalkemm mill-atti kien jidher li giet notifikata skond il-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12, l-atti tal-kawza qatt ma gew a konjizzjoni taghha. Kompliet tghid li peress li tidher li baqghet kontumaci, il-kawza nqatghet kontriha. Ziedet li l-intimati naqsu milli jaghtu whud mid-dettalji li jissemmew fl-Artikolu 174(2) tal-Kap. 12 u ghalhekk id-dikjarazzjoni li ghamlu fir-rikors promotur kienet hazina. Inoltre ma ddikjarawx id-data tal-eghluq tal-kirja u dan kif kellhom jaghmlu skond l-Artikolu 25 u l-Formula B tal-Iskeda tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ahharnett qalet li fir-rikors promotur u fix-xhieda li nstemghet, l-intimati ghamlu dikjarazzjonijiet mhux minnhom. Ghalkemm qalu li l-attrici m'hijiex tghix fil-fond oggett tal-proceduri, dan m'huwiex minnu.

L-intimati wiegbu li:-

1. In kwantu ghall-ilment relatat man-notifika tar-rikors promotur, dan ma jinkwadrax ruhu taht l-Artikolu 42 tal-Kap. 69.
2. B'riferenza ghall-ilmenti relatati ma dak li jipprovdi l-Artikolu 174(2) tal-Kap. 12 u l-Artikolu 25 tal-Kap. 69, dawn ma jatux lok ghal ritrattazzjoni.
3. L-intimati qatt ma ghamlu dikjarazzjoni falza.

B'sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tat-28 ta' Novembru 2013, it-talbiet tar-rikorrenti gew michuda. Il-Bord ikkonkluda li mill-provi li tressqu ma kienx jirrizulta li l-intimati kienu ghamlu dikjarazzjoni falza.

Ir-rikorrenti appellat mis-sentenza. L-aggravji huma li:

1. Mill-atti kien jirrizulta li l-intimati ma kienux osservaw dak li jpprovdi l-Artikolu 174(2) tal-Kap. 12, fis-sens li ma ddikjarawx il-karta tal-

identita u lanqas l-indirizz taghhom. Dan wahdu kien bizzejjed sabiex japplika l-Artikolu 42 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Inoltre, l-intimati nghataw sentenza favur taghhom fil-kawza 59/09, minhabba dikjarazzjonijiet foloz li ghamlu u cjoe' li l-intimata ma kinitx tirrisjedi fil-fond oggett tal-kawza.

L-intimati wiegbu li s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013 kienet gusta u ghandha tigi konfermata.

Il-qorti rat l-atti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. L-azzjoni tar-rikorrenti hi bazata fuq l-Artikolu 42 tal-Kap. 69:

   *"Jekk jinsab li wahda mill-partijiet hadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnha, il-parti kuntrarja tista' taghmel talba lill-Bord ghas-smigh mill-gdid tar-rikors u tista' wkoll tagixxi quddiem il-qorti kompetenti ghad-danni u hlas ta' penali ta' mhux izjed minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), kif tigi stabbilita".*

   Fiss-entenza **Marozz sive Maurizio Balzan vs Angelo Mifsud** (Vol. XXXV.i.125) deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Gunju 1951, inghad:

   *"Biex ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni ta' kawza maqtugha mill-Board tal-Kera fuq il-motiv li s-sentenza giet ottenuta minhabba qerq ta' parti wahda kontra l-ohra, hemm bzonn mhux biss li dik il-parti tkun uzat xi qerq jew ghamlet xi dikjarazzjonijiet foloz jew mhux konformi ghall-verita', imma hemm bzonn essenzjalment li dik il-parti tkun otteniet is-sentenza favur taghha bhala effett ta' dak il-qerq, jew ta' dawk id-dikjarazzjonijiet foloz jew inveridici; b'mod li minghajrhom is-sentenza kienet tkun xort'ohra".*

2. L-Artikolu 174(2) tal-Kap. 12 jistipula x'ghandhom jinkludu atti gudizzjarji li jkunu ser jigu notifikati. Dan hu provvediment ta' procedura. Nuqqas ta' procedura m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dikjarazzjoni falza kontemplata fl-Artikolu 42 tal-Kap. 69.

3. Mill-atti tal-kawza 59/2009 deciza fit-23 ta' Novembru 2011, jirrizulta li r-rikorrenti kienet giet notifikata bl-affissjoni u pubblikazzjoni skond l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12. L-affissjoni saret mal-bieb tal-fond oggett tal-kawza, cjoe' 169, Rose, Rue d'Argens, Gzira cjoe dak oggett tal-proceduri.

4. Fir-rikors tal-appell, ir-rikorrenti argumentat li s-sentenza tal-Bord tat-23 ta' Novembru 2011 kienet bazata fuq dikjarazzjoni falza tal-intimati li fil-proceduri 59/2009 iddikjaraw li r-rikorrenti ma kinitx qeghda tghix

fil-fond. Hu evidenti li r-rikorrenti tippretendi li l-Bord kellu jemmen lilha u jiskarta l-provi li tressqu fil-kawza 59/2009. Dikjarazzjoni bhal din, *in vacuo*, m'hijiex bizzejjed. Ir-rikorrenti ma spjegatx x'jirrendi l-verzjoni taghha iktar kredibbli minn dik tal-intimati. Wara kollox fil-kawza principali (59/2009) l-intimati kienu pproducew ukoll xhieda ndipendenti:-

i. **Michael Buttigieg**, impjegat jahdem mal-Arms Limited li pprezenta dokumenti li juru li fil-perjodu 14 ta' Marzu 2003 sad-29 ta' April 2009 kien hemm konsum baxx hafna ta' dawl u ilma. Taghrif li jindika li l-fond ma kienx qieghed jintuza bhala residenza ordinarja.
ii. **John Pizzuto**, li jghix fil-fond sottostanti ghal dak in kwistjoni. Ix-xhud qal: *"F'dawn it-tliet snin u nofs, kemm ilha mejta l-mara tieghi, jiena rajt lill-intimata tahsel il-fond taghha kull nhar ta' Tnejn. Ma narahiex b'mod frekwenti hemmhekk. Lanqas movimenti fuq ir-residenza tieghi, li allura tigi r-residenza ta' Doris Mizzi. Ricentement qaltli li bi hsiebha taghmel xi waterproofing fuq is-saqaf.* ***Qaltli wkoll illi sid il-kera kien qieghed ifittixha u ghalhekk sa tibda tqatta' ftit izjed zmien id-dar. Sa tarawni iktar ta' spiss****"*.

Provi li fil-fehma tal-qorti jikkoraboraw il-verzjoni tal-intimati.

5. Wara li l-qorti rat l-atti tal-kawza u tal-kawza 59/2009, ma tarax li hemm ragunijiet li jista' jwassluha ma taqbilx mal-apprezzament tal-provi li ghamel il-Bord.

   Ir-rikorrenti pprezentat ukoll ritratti li juru l-kmamar tal-fond. Fis-sentenza l-Bord osserva li r-ritratti stess ma jatux indikazzjoni li tghix persuna fil-fond. Osservazzjoni li din il-qorti taqbel maghha. Peter Muscat Scerri, sieheb tar-rikorrent, xehed[1] li tqatta' l-gurnata mieghu, b'dan li bil-lejl tmur lura torqod id-dar. Qal li ilu jaf lir-rikorrenti ghal 23 sena (fol. 35). It-tip ta' hbiberija li jidher li hemm bejn ir-rikorrenti u Muscat Scerri tnissel dubji serji f'mohh il-qorti kemm hu veru li kuljum ir-rikorrenti tmur lura d-dar biex torqod. Qatt ma spjegat x'inhi r-raguni li taghmel hekk. Il-qorti mhi konvinta xejn minn din il-verzjoni. Il-Bord stess fis-sentenza ghamel accenn ghal dan u kkonkluda li jemmen li fil-fatt ir-rikorrenti kienet tghix ma' Muscat Scerri u kultant taz-zmien *"... titfacca fid-dar taghha sabiex tivverifika li kollox kien f'postu"*. Konkluzjoni li a bazi tal-provi li tressqu l-Bord kellu kull dritt li jaghmel.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.

---

[1] L-istess verzjoni li tat ir-rikorrenti.